QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA’ FRAR 2002

Avviz Nru 499/00DM

Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Vivienne Balzan abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Vivienne Balzan

vs

Francis Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ Lm266.74 mitejn u sitta u sittin lira maltin u erbgha u sebghin centezmu jew somma verjuri, li minnhom Lm241.74, huma pagabbli lis-socjeta attrici Middle Sea Insurance plc u fil-waqt illi Lm25.00 pagabbli lill-attrici l-ohra Vivienne Balzan bhala excess, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b’risultat tal-incident tat-traffiku li sehh fl-01 ta’ Settembru 1999 f’Qormi, bejn il-vetturi b’numri BBI 635 u JAI 443, stante illi l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante illi l-imsemmi incident sehh bhala rizultat tat-traskuragini, imperizja, negligenza non curanza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra legali tal-14 ta’ April 2000 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal- presenti kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut, li gie ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Francis Farrugia fejn eccipixxa illi:-

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident 'de quo' kienet unikament responsabbli l-istess attrici Vivienne Balzan stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;
2 Minghajr pregudizju ghas-suespost l-allegati danni jridu jigu pruvati;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-16 ta' Mejju 2001 fejn il-konvenut iddikjara li m'ghandux kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni izda biss dwar ir-responsabilita'

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni tar-responsabbilta jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni taz-zewg sewwieqa involuti kif ukoll tal-ufficjal li investiga l-kaz u illi pprezenta l-isketch u r-rapport relattiv.

Minn-naha l-wahda, Audrey Balzan issostni illi hi kienet qieghdha iddur mar-'roundabout' in kwistjoni li hemm Hal-Qormi u riedet titlaq din ir-'roundabout' biex taqbad it-triq lejn il-Belt fuq ix-xellug taghha, meta hareg il-konvenut bil-vettura tieghu minn go 'side road' biex jmur lejn ir-'roundabout' sabiex jipprocedi fid-direzzjoni tal-Marsa ossia jdur fuq il-lemin tieghu mall-istess 'roundabout'.

Minn-naha l-ohra l-konvenut issostni illi hu kien digia' qieghed idur mar-'roundabout' bi spazju fuq il-lemin tieghu u ried imur fid-direzzjoni tal-Marsa meta giet Audrey Balzan minn warajh qabzithu minn fuq in-naha tal-lemin biex kisret lejn ix-xellug biex tmur lejn il-Belt.

Minn dawn iz-zewg verzjonijiet l-unika wahda verosimili hija dik ta' Audrey Balzan illi hija sorretta; kemm mill-isketch fejn il-vetturi gew indikati ezattament fil-posizzjoni ta kif spiccaw mal-habta kif ukoll mill-indizji l-ohra li johorgu mid-deposizzjonijiet rispettivi.

Infatti l-konvenut li jssostni li ried imur fid-direzzjoni tal-Marsa u kien gej mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug u ghalhekk skond din id-deposizzjoni tieghu kien qieghed idur mar'roundabout', ma ta ebda spegazzjoni logika ghaliex filwaqt li kien qieghed idur ma din ir-'roundabout' halla daqshekk spazzju bejn il-lemin tieghu u l-istess 'roundabout' meta id-direzzjoni li ried jiehu kienet bil-fors tezigi illi jzomm man-naha tal-lemin tat-triq.

Inoltre l-posizzjoni li giet indikata fis-sketch tal-van tieghu, hija indikattiva illi huwa kien provenjenti mhux mid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug imma minn xi triq ohra laterali u hija indikattiva illi kien ghadu qieghed fil-manuvra biex jidhol fejn ir-'roundabout' biex jipprocedi lejn il-Marsa.

Ghalhekk kien kompitu tieghu illi jghati d-dritta lil dak it-traffiku illi kien digia' qieghed idur mar-'roundabout' bhal ma kienet Audrey Balzan u ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni.

Billi ma saretx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni l-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas is-somma komplessiva ta' Lm266.74 (mitejn u sitta u sittin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmi) lill – atturi u li ghandhom jithalsu in kwantu ghal Lm241.74 (mitejn wiehed u erbghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmi) lis- socjeta attrici Middle Sea Insurance plc u rimani ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) lill-attrici l-ohra Vivienne Balzan is-sid tal-vettura danneggjata.

Inoltre tikkundanna l-istess konvenut biex jhallas l-imghaxijiet legali b'effett mit-12 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ32